MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 94/2021 LM

**Av. Sarah Galea bħala mandatarja speċjali ta'**
**Banca Farmafactoring S.p.A (VAT Reg. No. 07960110158)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali u**
**JUD IP Limited (C 88495) għal kull interess li jista' jkollha**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-**Avukat Sarah Galea bħala mandatarja speċjali tas-soċjetà estera Banca Farmafactoring S.p.A.** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta noe'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Awissu, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mill-**Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali**

[minn issa 'l quddiem 'il-Kontrollur appellat'], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-oppożizzjoni li l-appellanta noe kienet irreġistrat miegħu fil-konfront tal-applikazzjoni nru. TM59255 ippreżentata fil-25 ta' Marzu, 2019 mis-soċjetà appellata **JUD IP Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] għar-reġistrazzjoni ta' *trademark* taħt il-Klassi numru 36.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw l-applikazzjoni tas-soċjetà appellata għar-reġistrazzjoni tat-*trademark 'BNF Bank'* bin-numru TM59255 [minn issa 'l quddiem 'it-*trademark*'] ippreżentata lill-Kontrollur appellat fil-25 ta' Marzu, 2019 fil-Klassi Numru 36.

**Mertu**

3. Fis-27 ta' Ġunju, 2019 is-soċjetà Banca Farmafactoring S.p.A., kif illum rappreżentata f'dawn il-proċeduri permezz tal-mandatarja tagħha l-Av. Sarah Galea, ippreżentat erba' avviżi ta' oppożizzjoni mal-EUIPO[1] fil-konfront tar-reġistrazzjoni tal-imsemmija *trademark* a tenur tal-para. (b) tas-subartikolu 8(1) tal-EUTMR[2] abbażi tad-drittijiet tagħha preċedenti spettanti lilha permezz tat-*trademarks* reġistrati f'isimha bin-numri rispettivi 013118121, 015733553, 017886831, 017886833 u 017939361. Fid-29 ta' Lulju, 2019 l-appellanta noe ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha lill-Kontrollur appellat fejn iddikjarat li

[1] European Union Intellectual Property Office.
[2] REGOLAMENT (UE) 2017/1001 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-*trademark* tal-Unjoni Ewropea.

hija kienet qegħda topponi r-reġistrazzjoni tat-*trademark* skont l-applikazzjoni TM59255 a tenur tal-para. (b) tas-subartikolu 6(1) tal-Kap. 597 minħabba l-probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku. Permezz ta' kommunikazzjoni lill-Kontrollur appellat datata 3 ta' Frar, 2020, is-soċjetà appellanta tramite r-rappreżentanti legali tagħha, kkonfermat l-oppożizzjoni tagħha għall-applikazzjoni suriferita *ai termini* tal-para. (ii) tas-subregolament 9(4) tat-*Trademark Search and Opposition Rules, 2018* jew A.L. 343.2018.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet għal din l-oppożizzjoni fit-23 ta' Diċembru, 2019, fejn ikkontendiet li l-imsemmija oppożizzjoni kienet infondata u għalhekk talbet lill-Kontrollur appellat sabiex jiċħadha.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' April, 2021, il-Kontrollur appellat ma laqgħax l-oġġezzjoni tal-appellanta noe, iżda mbagħad fid-19 ta' Awwissu, 2021 huwa rtira dik id-deċiżjoni u kkomunika deċiżjoni ulterjuri fejn fisser raġunijiet oħrajn għaliex l-oġġezzjoni tal-appellanta noe kienet qegħda tiġi miċħuda. Fil-31 ta' Awwissu, 2021, il-Kontrollur appellat bagħat it-tielet deċiżjoni tiegħu lis-soċjetà appellanta fejn ikkonferma li l-ittra tikkonsisti fid-deċiżjoni finali u korretta tal-Kontrollur appellat. Huwa wasal għal din id-deċiżjoni appellata tiegħu wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Trademark application no. 59255 – BNF Bank filed on 25.03.2019; Class no. 36***

*Reference is made to your opposition to the above-mentioned trademark and to the decision which was erroneously sent by the Office.*

*In this regard, please find below the correct and final decision as issued today by the Office.*

*The Office notes that:*

1) *The opponent bases her arguments on Article 6(2) of the Trademark Act Cap 416.*
2) *Article 6(2) of Cap 416 focuses on a situation where a trademark is in conflict with an earlier mark.*
3) *The opponent's marks, being Community Trademarks are not earlier marks as defined in Article 7(1) of the Trademark Act Cap 416.*

*In view of the above the Opposition to Trademark: No TM59255 is not accepted."*

**L-Appell**

6. L-appellanta noe ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 ta' Settembru, 2021 fejn qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata, filwaqt li:

*"...tiddikjara li din id-deċiżjoni hija fl-ewwel lok* ultra vires*, abbużiva u llegali u nulla* ab initio *u, fin-nuqqas, fit-tieni lok, fil-mertu, li Community Trademarks (CTMs) / jew EUTMS huma rikonoxxuti skont il-liġi bħala* 'trademarks preċedenti' *fid-definizzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 416 u li għalhekk għandha tilqa' l-oppożizzjoni imresqa mis-soċjetà appellanti u tordna li l-applikazzjoni TM 59255 "BNF Bank" tas-soċjetà appellata tiġi miċħuda u respinta fl-intier tagħha bl-ispejjes kollha kontra l-appellati, jew min minnhom."*

Tissottometti li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) id-deċiżjoni appellata hija *ultra vires*, abbużiva u illegali għaliex il-Kontrollur appellat bħala awtorità kważi ġudizzjarja ma jistax jirtira d-deċiżjonijiet tiegħu; (ii) id-deċiżjoni appellata hija nulla *ab initio;* u (ċ) fil-mertu, id-deċiżjoni hija żbaljata fil-fatt u fid-dritt.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-1 ta' Ottubru, 2021 fejn ikkontendiet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għalhekk timmerita li tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

8. Il-Kontrollur appellat wieġeb fl-1 ta' Diċembru, 2021 fejn issottometta li l-appell odjern huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk talab li d-deċiżjoni appellata tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellanta noe, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mis-soċjetà appellata u dik mill-Kontrollur appellat, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni dak li qal il-Kontrollur appellat fid-deċiżjoni appellata.

10. Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra flimkien l-ewwel żewġ aggravji tal-appellanta noe, fejn qegħda tikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija *ultra vires,* abbużiva u llegali. L-imsemmija appellanta noe tissottometti li għalhekk din hija nulla *ab initio.* Filwaqt li tiċċita dak li jipprovdi għalih ir-Regolament 10 tal-A.L. 343 tal-2018, li sussegwentement ġie mħassar permezz tal-A.L. 50 tal-2021, tissottometti li fil-vesti tiegħu *quasi* ġudizzjarju, il-Kontrollur appellat kien għadda għad-deċiżjoni tiegħu wara li hija kienet ippreżentat l-oppożizzjoni tagħha fit-30 ta' April, 2021 għar-reġistrazzjoni tal-markju kontestat tas-soċjetà appellata. Tirrileva li minn dik id-deċiżjoni tal-Kontrollur appellat, hija kienet intavolat appell fl-14 ta' Mejju, 2021 quddiem din il-Qorti bir-rikors numru 47/21LM. Issostni li d-deċiżjoni appellata fejn il-Kontrollur appellat irtira l-

ewwel deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' April, 2021 u ssostitwieha b'deċiżjoni oħra, hija *ultra vires*, abbużiva u llegali. Tgħid ukoll li din tmur kontra kull prinċipju ta' ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv, iżda wkoll kontra l-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba. Tikkontendi li skont ir-Regolament 10, il-Kontrollur appellat għandu jieħu deiċċżjoni waħda u finali li ma tistax titbiddel. L-appellanta noe hawnhekk tagħmel riferiment għall-para. (b) tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 490, u tgħid li dan flimkien mar-Regolament 10 juri kemm il-Kontrollur appellat kellu l-obbligu u d-dover fl-interessi tal-ġustizzja li jagħti deċiżjoni waħda biss dwar il-kwistjonijiet kollha tal-każ odjern. Tirrileva li l-Kontrollur appellat dam iktar minn sena u disa' xhur, u dan b'negliġenza u inkompetenza assoluta, sabiex ta l-ewwel deċiżjoni tiegħu fit-30 ta' April, 2021, liema deċiżjoni fil-fehma tagħha ma kinitx sostanzjata u motivata. Tkompli tirrileva li xhur wara, il-Kontrollur appellat bagħat tliet ittri fid-19 ta' Awwissu, 2021 fejn kien hemm diversi żbalji, iżda fejn ukoll irtira l-ewwel deċiżjoni tiegħu. Iktar tard ikkonferma li d-deċiżjoni korretta kienet dik kontenuta fl-ittra tal-31 ta' Awwissu, 2021, u dan fejn tgħid huwa offra raġuni preliminari għad-deċiżjoni, li tkompli tgħid setgħet ġiet imfissra fi żmien xahar saħansitra wara li hija kienet ippreżentat l-Avviż ta' Oppożizzjoni fid-29 ta' Lulju, 2019.

11. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tikkontendi li l-oppożizzjoni tal-appellanta noe kienet ġiet deċiża u miċħuda permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' April, 2021, liema deċiżjoni tinsisti li hija waħda valida, ġusta u finali. Tgħid li dik l-istess deċiżjoni tikkostitiwixxi stat ta' fatt u ta' dritt għar-reġistrazzjoni tal-markju tagħha *ai termini* tal-Kap. 416 u l-A.L. 343 tal-2018, li kien biss soġġett għall-proċeduri tal-appell quddiem din il-Qorti. Is-soċjetà appellata ssostni li l-

Kontrollur appellat ma jistax jinjora dak l-istat ta' fatt billi jagħti deċiżjoni oħra, jiġifieri d-deċiżjoni appellata. Dan filwaqt li affermat il-pożizzjoni tagħha kif imfissra fir-risposta tal-appell tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2021 għar-rikors tal-appell tal-appellanta noe mid-deċiżjoni tal-Kontrollur appellat tat-30 ta' April, 2021, u li jinsab pendenti quddiem din il-Qorti.

12. Il-Kontrollur appellat jispjega li bi żball, l-uffiċjal li kien inkarigat jikkomunika lill-partijiet bid-deċiżjoni tiegħu, kien bagħat deċiżjoni flok oħra. Filwaqt li jammetti li kien sar żball min-naħa tal-uffiċjali tal-uffiċċju tiegħu, u għalhekk kien lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri tal-appell nru. 47/21, jikkontendi li d-deċiżjoni tiegħu hija waħda, dik tal-31 ta' Awwissu, 2021. Jissottometti li ma kienx loġiku li fid-dawl tal-fatt li l-ewwel deċiżjoni tiegħu kienet inħarġet b'mod erronju, xorta waħda din għandha tkun ta' effett, minkejja li ma tirriflettix il-pożizzjoni korretta tiegħu. Jissottometti li kien ikun proprju jekk għalaq għajnejh għall-iżball li huwa kien qed jaġixxi *ultra vires,* b'mod abbużiv u illegali. Għalhekk huwa kien mexa kif qatt ma kien għamel qabel, u fid-dawl tal-prinċipji tal-ġustizzja rtira l-ewwel deċiżjoni u ħareġ it-tajba. Hekk jgħid li tipprevali l-ġustizzja naturali. Jikkontendi li huwa m'għandu l-ebda interess sabiex jiffavorixxi lil xi ħadd mill-partijiet. Jispjega li kulħadd huwa soġġett għall-iżball, u dan iktar kien faċli f'uffiċċju fejn hemm ħafna xogħol u ftit nies li jistgħu jagħmluh. Il-Kontrollur appellat jirrileva li l-para. (b) tas-subartikolu 3(2) tal-Kap. 490 mhux applikabbli fil-konfront tiegħu għaliex ma jissemmiex fl-Ewwel Skeda. Barra minn hekk, huwa ma setax jiġi kkunsidrat bħala bord *quasi*-ġudizzjarju, fejn f'dik l-eventwalità il-proċeduri ma jsirux kontrih bħal ma ġara fil-każ odjern. Jagħlaq is-sottomissjonijiet tiegħu billi

jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati in sostenn ta' dan l-aħħar punt tiegħu.

13. Il-Qorti ma tikkunsidrax li dawn ir-raġunijiet li qed jagħti l-Kontrollur appellat jiġġustifikaw it-tħassir tal-ewwel deċiżjoni permezz tad-deċiżjoni appellata, sabiex b'hekk l-ewwel deċiżjoni għandha tikkostitwixxi d-deċiżjoni finali fil-konfront tal-oppożizzjoni mressqa mill-appellanta noe. Barra minn hekk, jekk għandha taċċetta li sar żball min-naħa tal-uffiċjali tal-Kontrollur appellat, ma tarax li dan tal-aħħar kellu s-setgħa li jirrevoka minn jeddu l-ewwel deċiżjoni tiegħu, li saħansitra tat effett għal numru ta' aspettattivi leġittimi u drittijiet skont il-liġi, inklużi dawk ta' appell mill-partijiet milquta bid-deċiżjoni tiegħu skont kif jipprovdi r-Regolament 10 tal-A.L. 343 tal-2018, liema Regolament fil-fatt ipprevalixxiet ruħha minnu l-appellanta noe. Tikkunsidra għalhekk ukoll li jekk taċċetta l-argument tal-Kontrollur appellat li dan kien każ uniku, il-Qorti tkun qed tagħti lok għal inġustizzja fil-konfront tal-partijiet rispettivi, iżda wkoll tkun qegħda toħloq preċedent ikrah, jew saħansitra tistieden attitudni laxka u mentalità ta' nuqqas ta' responsabbiltà fl-Uffiċċju tal-Kontrollur appellat, u anki f'kull parti oħra tal-amministrazzjoni. Dan jista' biss iwassal għal inċertezza assoluta fiċ-ċittadin fil-konfront tad-deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni ta' pajjiżna kontra kull prinċipju ta' ordni pubbliku, meta dawn huma ntiżi sabiex joħolqu ċertezza dwar id-drittijiet o meno taċ-ċittadin.

14. Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' l-ewwel żewġ aggravji tal-appellanta noe, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet aggravju tagħha, ġaladarba l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta noe billi tilqgħu limitatament kif spjegat f'din is-sentenza, u dan filwaqt li tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-Kontrollur appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**